MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru. 301/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**Spettur Martin Sammut**
**vs**
**John Fiteni**
**Martin Fiteni**
**Tonio Zampa**
**Frank Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Fiteni ta' 34 sena, iben Joseph u Lourdes nee' German, imwieled fl-10 ta' Lulju, 1967 fil-Pieta' u residenti Flat 9, Block G, Triq il-Jum, Marsa, u detentur ta' karta ta' identita' 280167M;

Martin Fiteni ta’ 39 sena, iben Joseph u Lourdes nee’ German, imwieled fl-1 ta’ Lulju, 1962 fil-Pieta’ u residenti 19, Ambrosio, Triq il-Ghajn, Swieqi, detentur ta’ karta ta’ identita’ 428762M;

Tonio Zampa ta’ 37 sena, iben Joseph u Mary nee’ Ancilleri, imwieled fil-21 ta’ Novembru, 1964 f’Tas-Sliema, u residenti Flat 3, 43, Triq il-Fran, Valletta, detentur ta’ l-karta ta’ identita’ 18465M;

U Frank Calleja ta’ 32 sena, iben Francis u Rita nee’ Schembri, imwieled nhar is-16 ta’ Awissu, 1969 fil-Pieta’, u residenti 13, Triq Bingemma, l-Imgarr, detentur ta’ karta ta’ identita’ 329069M;

Talli nhar l-20 ta’ April, 2002 ghall-habta ta’ n-nofsiegha ta’ filghodu gewwa l-Footloose Bar gewwa Triq San Gorg f’San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu il-hajja f’periklu car ikkagunaw ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Theophile Hoata ta’ nazzjonalita’ Franciza, u dana bi ksur ta’ l-artikoli 214, 216, Kap 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta;

2. Volontarjament kissru l-buon ordni u l-kwiet pubblika b’ghajjat u bi glied, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338d (d) tal-Kap. 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta; U talli bil-lejl kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes u ghajjat jew b’mod iehor u dana bi ksur ta’ l-artikolu 338m (m) tal-Kap. 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-avukat generali, dokument X a fol. 110 tal-process sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-verbal ta’ l-10 ta’ Mejju, 2002 a fol. 77, fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Kkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Prosekuzzjoni jirrizulta li Michel Franck a fol. 13 et sequitur, nurse fuq il-vapur Jeanne d’Arc, isostni li wara l-cocktail party fuq l-istess vapur huwa kien mar ma’ kollega tieghu San Giljan biex jiehdu pizza. Wara dan marru fil-bar Footloose f’Paceville, biex jiehdu xi drinks, u hemmhekk innotaw lil Hoata, bahri fuq l-istess vapur taghhom.

Ix-xhud Franck xehed illi huwa kien jaf lil Hoata ghaliex jitkellem ftit bil-lingwa tal-Haiti.  Huwa kien ra lil Hoata mghannaq ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Maltija, u l-Malti kien jidher li kien qed jiddejjaq bil-kuntatt.

Illi ghaldaqstant Franck iddeciedi li jintervjeni u qallu li kien ser igiblu taxi biex jiehdu lura l-vapur.  Franck jghid li Hoata ma hax pjacir li kellu johrog.  Wara ftit gew tas-security, u Franck qal lil tas-security li huwa kien Franciz u kien ser jiehu hsieb ta’ Hoata huwa nnifsu.

F’dan il-mument Hoata ghamel movument bir-ras lejn is-security officer, u cioe’ attenta li jaghmel head butt b’mod agressiv, pero’ s-security officer ma ntlaqatx.  “F’daqqa wahda kien hemm hafna security officers ohra li gew u qabduh biex johorguh ‘il barra.  Hoata prova jirrezisti u waqa’ fl-art”, ara fol. 16.

Jkompli jghid:-
“Ma nistax nghid jekk kienux huma li waqqghuh, jew waqghax wahdu.  Li naf hu li kien ma’ l-art.  In-nies tas-security dawruh, u minn fejn konna qeghdin ahna jiena stajt nara li kien qed jaqla’ daqqiet ta’ sieq”.

Minghand min qala’ dawn id-daqqiet ta’ sieq, Franck ma setax jghid, izda xehed li kienu nies tas-security ghax

kienu lebsin gakketta skura li fuqha kien hemm miktub il-kliem ‘security’, u li kienu xi erba’ jew hames minn nies.

Franck xehed illi huwa resaq jigri halli jara x’kien qed jigri, pero’ ghaddew xi nies minn quddiemu, u nduna li Hoata ma kienx aktar fil-bar u ra xi demm ma’ l-art sa l-exit. Hareg u ra lil Hoata li kien wiccu ma’ l-art b’hafna demm madwaru, b’idejh miftuhin. Huwa qajjem lil Hoata minn ma' l-art u nduna li kien konxju, u peress li kien nurse induna mill-ewwel li kellu mniehru miksur.

Minn hemmhekk talbu ghall-ghajnuna, ghal pulizija u ghall-ambulanza. Xi hadd mis-security kienu gabu xi pakkett tissues, u Franck u siehbu baqghu sejrin l-isptar ma’ Hoata, li kien il-hin kollu konxju.

Mistoqsi jaghti deskrizzjoni ta’ l-ilbies tal-membri tas-sigurta’ li kien hemm fil-Footloose, Franck jghid li dawn kellhom qalziet skur u gakketta li kellha l-kelma ‘security’ miktuba b’ittri homor jew sofor. Illi avolja Franck indika tliet mill-imputati, eccetto Anthony Zampa li jixbhu lis-security li kienu nvoluti fil-kaz, b’dana kollu ma seta’ jaghraf lil hadd pozittivament.

Mistoqsi dwar il-kondizzjoni ta’ Hoata qabel ma sar l-incident, dan jikkonkludi li Hoata kien fis-sakra sew – (ara fol. 22). Franck isostni li kien hemm ticpis ta’ demm demm fuq il-parti ta’ gewwa ta’ l-Footloose.

Romby Domenique, nurse ukoll fuq il-vapur Jeanne d’Arc, xehed a fol. 30 et sequitur li huwa akkumpanja lil Franck u lil Lacanau u marru San Giljan bejn l-ghaxra u l-ghaxra u nofs ta’ bil-lejl, fejn spiccaw fil-bar Footloose f’Paceville.

Ikkonferma li kien hemm bahri mill-vapur taghhom li kien fis-sakra u kellu idejh madwar Malti li kien jidher li qed idejqu. Illi ghalhekk siehbu Franck kien ipprova jintervjeni, pero’ l-Malti sadanittant ghamel sinjal lill-barman u waslet is-security hdejn Hoata.

Romby Domenique ikkonferma li Franck kien qed jipprova jipperswadi lil Hoata biex johrog u li kien hemm persuna

tas-security prezenti u ra lil Hoata jipprova jaghti daqqa bir-ras lis-security. Romby ma setax jghid jekk laqtux jew le. Wara dan f'temp qasir wasal grupp shih tas-security, bejn erbgha jew hames minn nies, li qabduh u ressquh lejn il-lemin u kaxkruh ma' l-art. Illi s-security daru ma' Hoata, u ghaldaqstant Hoata ghal mument gheb mill-vizjoni tieghu.

Romby jghid illi pero' seta' jinduna li Hoata kien qieghed jissubixxi daqqiet ta' sieq. Wara ftit is-security gibduh 'il barra mid-Diskoteka u ghalhekk Romby Domenique hareg 'il barra u nduna li kien hemm hafna demm fuq l-erba' targiet ta' qabel l-exit. Meta hareg ra lil Hoata mixhut ma' l-art f'ghadira demm, b'wiccu imiss ma' l-art.

Romby Domenique ghamel l-isketch, Dokument RD, illi juri l-posizzjoni fejn kien Hoata meta kien qed jissubixxi d-daqqiet ta' sieq mill-membri tas-security (ara fol. 44). Ikkonferma li ra d-demm mat-tarag, u li ndikahom lil siehbu Franck. Romby Domenique ma setax jaghraf ebda mill-imputati bhala membri tas-security tal-Footloose fl-incident li nqala', ghaliex jghid illi "kull ma rajt kien grupp ta' nies lebsin ilbies skur, imma wicchom ma rajtux" (ara fol. 35). Romby Domenique ma setax jghid illi jekk wara li Hoata gie agredit mis-security, jekk dan waqghax ma' l-art jew jekk giex imkaxkar 'il barra.

Romby Domenique xehed illi ra almenu tnejn mill-erba' security officers ta' l-Footloose jaghtu lil Hoata bis-sieq. L-incident fejn is-security agredew lil Hoata u tawh bis-sieq, dam forsi xi erba' jew hames sekondi.
Mistoqsi jekk kemm –il darba d-demm li ra kienx kompatibbli ma' waqa' ta' Hoata fit-tarag, Romby Domenique sostna li d-demm beda minn xi metru 'il boghod minn qabel ma jibda t-tarag. Mistoqsi jekk Hoata tgharrafx lilu xi dettalji ta' kif sehh l-incident, Romby Domenique jghid illi tant fis-sakra Hoata, u tant kien impressjonat bid-demm, li ma qal xejn.

Spettur Martin Sammut a fol. 49 esebixxa erba' ggieget ta' lewn iswed ta' l-imputati, li gew markati bhala Dokumenti MS1 sa 4.

Edouard Lacanau ikkonferma li huwa nurse fuq il-vapur Jeanne d'Arc u li hu kien ma' Romby Domenique u Franck; kienu marru sal-bar Footloose f'San Giljan. Hemmhekk wara xi hin indunaw illi kien hemm grupp zghir ta' Francizi li kienu fuq l-istess vapur taghhom, u ra lil Hoata jitkellem ma' persuna ohra Maltija, u deher li kien qed idejjaqha.

Lacanau xehed illi siehbu Franck Michel mar hdejn Hoata biex jipprova jikkalmah, illi dak il-hin wasal is-security officer u ra lil Hoata jipprova jaghti daqqa ta' ras lis-security officer.  Dak il-hin gew tliet membri ohra tas-security minn fuq in-naha tal-lemin, qabdu lil Hoata biex johorguh 'il barra.

F'daqqa wahda ra li Hoata waqa' fl-art u li rah jaqla' daqqiet ta' sieq, umbaghad is-security officers qajmuh u wadbuh 'il barra pjuttost b'mod goff.  Huwa segwihom u sab lil Hoata b'wiccu ma' l-art f'ghadira demm.  Mistoqsi, Lacanau ma setax jghid jekk Hoata waqghax jew waqqghux, ghalkemm jaf li kienu n-nies tas-security li kienu taw bis-sieq lil Hoata, ma setax jghid min minnhom kien responsabbli.

Xehed illi jaf li kellhom gakketta li fuq il-parti ta' wara kellha mmarkat 'security', u li kienet ta' kulur skur, bl-ittri sofor, liema ittri kienu madwar zewg jew tliet pulzieri kbar.

Lacanau xehed illi wiehed mis-security officers kien aqsar minnu, waqt li l-ohrajn kienu ta' statura komparibbli ma' tieghu, u kkonferma li huwa twil 1.84 metri.  Mistoqsi diversi drabi, Lacanau ma seta' jaghraf lil ebda wiehed mill-imputati bhala n-nies tas-security nvoluti f'dan l-incident, (ara fol. 49).

Fuq il-parti ta' barra tal-Footloose, Lacanau jghid illi huwa sab lil Michel Franck u lil Romby Domenique li kienu marru jaghtu l-ghajnuna lil Hoata, u giet imsejha l-pulizija u l-ambulanza.  Jaf li xi nies tas-security kienu gabu xi srievet biex setghu jimshu wicc Hoata mid-dmija.

Theophile Hoata, bahri fuq il-Jeanne' D'Arc, xehed illi huwa u shabu kienu marru San Giljan go bar faccata ta' l-Empire Bar, u ddeciedew li jibqghu jixorbu hemmhekk. Hadu xi tliet tazzi whiskey, telqu minn dan il-post u marru f'bar iehor, fejn ordnaw flixkun vodka, illi huwa xorob flimkien ma' siehbu. Meta spicca dan il-flixkun vodka, ordnaw flixkun vodka iehor, pero' ma jidhirlux li missewh, it-tieni flixkun.

Hargu jizfnu, u wara dan l-istadju Theophile Hoata ma jiftakar xejn aktar. La ftakar jekk kellux argument ma' xi hadd; Ftakar li kien hemm xi persuni ohra mill-istess vapur, pero' ma setghax jiftakar min kienu, u ma seta jiftakar assolutament xejn dwar kif wegga'.

Mistoqsi ripetutament jekk jiftakarx jekk xi hadd aggredieh jew attakkah, jew kif wegga', Theophile Hoata jibqa' jirrepeti li hu ma jiftakar xejn, anzi meta sab ruhu l-isptar ma kellux ideja ghalfejn kien qieghed hemmhekk. Mistoqsi diversi drabi jekk kienx qed jibza' minn xi hadd jew minn xi haga, Hoata jichad. Hoata ma ftakarx jekk waqt li kien f'dan l-istabbiliment kienx tkellem ma' xi kollegi mill-vapur tieghu, jew a' xi infermieri ta' l-istess vapur.

Mistoqsi fuq il-kwantita' ta' xorb li kien ikkonsma dak il-lejl, Hoata sostna li huwa kien xorob tliet grokkijiet whiskey imhalltin bil-coca, li umbaghad xtara flixkun vodka illi xorbu flimkien ma' Tipa Hgivi. Hoata jaf illi huwa sofra minn frattura ta' l-ghadma ta' mniehru, pero' ma jafx kif grat din il-frattura jew il-griehi l-ohra li kellu fuq mohhu u wiccu.

Tipa Hgivi xehed a fol. 67 li huwa jahdem fuq l-istess vapur Jeanne D'Arc u li kien flimkien ma' Hoata fil-lejl ta' l-incident. Xehed illi kienu San Giljan go stabbiliment faccata ta' l-Empire Night Club u li bdew jixorbu l-whiskey, umbaghad xorbu flixkun vodka bejniethom. Hgivi xehed illi huwa telaq mill-pub qabel Hoata, ghaliex kellu jahdem filghodu, xehed ukoll illi Hoata kien fis-sakra kompletament.

Xehed illi waqt li kien mieghu Hoata kien qieghed jizfen, illi sakemm kien mieghu ma kellu l-ebda problema ma’ l-bar, jew man-nies tas-security ta’ l-bar.

Spettur Martin Sammut a fol. 78 et sequitur xehed illi huwa kien gie nformat minn PS 1492 Joe Pace illi kienet iddahlet persuna ta’ nazzjonalita’ Franciza l-isptar f’periklu ta’ l-mewt, u dana in segwitu ta’ glieda li nqalghet f’Paceville, bejnu u bejn xi bouncers fil-Footloose Bar ta’ San Giljan.

Gie stabbiliet wara li l-ispettur acceda l-isptar, illi l-vittma kienet certu Theophile Hoata, bahri Franciz abbord il-vapur Franciz li kien qed jaghmel zjara ta’ ftit jiem, u kien sorgut fil-port il-kbir. Xehed illi dak il-hin ra l-vittma illi kellu hafna demm f’wiccu. Illi wara dan kien mar l-ghassa ta’ San Giljan fejn sab xi nies arrestati, fosthom l-imputati. Informa lill-Magistrat ta’ l-Ghassa u saret inkjesta.

Spettur Martin Sammut xehed illi l-bar Footloose ghandu tliet bibien fil-faccata tieghu. Spjega wkoll bid-dettal id-diversi postijiet fejn sab id-dmija, kemm gewwa dan il-bar kif ukoll fuq in-naha ta’ barra (ara fol. 80). Gie misjub ukoll f’rokna tal-bar, nuccali ta’ l-vista imkisser.

Gew investigati Teddie Calleja, il-licensee tal-post u certu Anthony Micallef li pero’ ma kienux prezenti waqt il-hin ta’ l-incident. Dawn informaw lil-pulizija li minn investigazzjonijiet li ghamlu huma ma kienx veru li l-bouncers taw xi xebgha lil Theophile Hoata, imma dan Hoata kien f’sakra ma jarax art u li meta kien qed jigi skortat ‘il barra waqa’ fuq it-tarag u gie ghal wiccu.

Il-pulizija wkoll saret taf illi Anthony Micallef kien tefa’ barmil ilma biex inehhi xi dmija minn quddiem it-tieqa fuq il-parapett.

Meta mar l-ghassa ta’ San Giljan, l-ispettur Sammut sab lit-tliet bahrin Francizi Franck, Romby u Lacanau u zewg fizjali taghhom, u tawh ir-rakkont ta’ dak li raw.

L-ispettur Sammut xehed a fol. 83 illi wiehed minn dawn il-bahrin kien allega li meta inhareg barra Hoata, dan kien rega’ gie agredit minn xi hadd mill-bouncers. Spettur Sammut xehed illi dakinhar stess ghall-habta ta’ nofsinhar kien mar l-isptar San Luqa, fejn kellem lil Hoata li tah ir-rakkont tieghu. Qallu kemm kien ilu jixrob, u wara li kien spicca flixkun vodka kienu ordnaw flixkun iehor. Spettur Sammut irrileva li fuq il-post kien sabu flixkun vodka li kien ftit mibdi fuq il-bar fejn gara l-allegat incident, u li ma jiftakarx x’ghamel aktar u li ma kienx jaf kif sehhew il-griehi li kien garrab.

Spettur Sammut xehed illi meta kien kellem lit-tliet nurses Francizi, dawn kienu qalulu mil-ewwel li ma kienux f’posizzjoni li jgharfu lil hadd, imma kienu jafu li kienu l-bouncers, minhabba li dawn kellhom il-kelma ‘security’ miktuba fuq il-parti ta’ wara tal-gakketta li kienu lebsin.

Mill-istqarrija ta’ John Fiteni, dokument MSX1 a fol. 89, jirrizulta li dan jahdem il-Footloose bhala security guard, u kien ilu jahdem hekk ghal xi erba’ snin. Xehed illi dak il-lejl ta’ l-incident kien xoghol mis-sebgha ta’ filghaxija ‘il quddiem, u li waqt li kien qieghed fejn il-bieb ta’ barra, Door 1, giet tfajla li nformatu li kien hemm persuna qed jargumenta mal-“bar- tender”.

Illi ghalhekk huwa mar jinvestiga, u l-“bar tender” indikalu individwu. Illi hu kien avvicina dan il-persuna u kellmu bl-Ingliz. “Meta staqsejtu l-ewwel darba dan hares bicciera lejja, u bhal bniedem irrabjat beda jkellimni bil-Franciz u jiena ma fhimtux. Kif staqsejtu t-tieni darba, tani daqqa ta’ ras fuq mohhi u mniehri, u jiena bdejt nghidlu li jiena security, u ‘calm down’. Umbaghad ghidtlu li ma jistax joqghod fil-post ghax kien fis-sakra, u ghidtlu biex johrog”.

L-imputat John Fiteni jghid illi sadanittant gew membri ohra tas-security, u cioe’ Zampa u Frank Calleja. John Fiteni sostna illi huwa eskorta lil franciz il-barra u biex ghamel dan ghadda fuq quddiem biex jofroq in-nies, bil-Franciz warajh, u segwiet minn Tony Zampa u Frankie Calleja.

John Fiteni stqarr illi kif qabzu l-bieb ta' barra huwa ra lill-Franciz jaqa' u jahbat wiccu mal-bankina. Illi minn hemm qajmuh u mar igiblu xi tissues ghaliex beda hiereg id-dmija minn wiccu. John Fiteni isostni li huwa ma rax lill-Franciz jaqa' fuq it-tliet targiet ta' gewwa, u li hu ma kienx ghinu johrog mit-tliet targiet ta' gewwa ghal barra.

John Fiteni jistqarr ukoll illi Martin Fiteni ma dahal xejn f'dan l-incident, li lanqas biss kien jaf bih. John Fiteni jinnega li huwa b'xi mod agredixxa lil dan il-Franciz. John Fiteni stqarr ukoll illi ftit qabel dan l-incident kien hemm incident iehor fejn tfajla kienet qatghet saqajha b'tazza imkissra, u li huma kienu gabulha stick, tissues u ilma biex tlahlah saqajha. Stqarr ukoll illi f'dak il-lejl huwa kien liebes gakketta u qalziet iswed.

Martin Fiteni, ara dokument MSX2 a fol. 92 et sequitur, kkonferma li xogholu kien bhala security fil-Footloose Bar, illi kien xoghol dakinhar ta' l-incident. Martin Fiteni xehed illi huwa kien qieghed fuq il-parti ta' barra, hdejn door 3, jipprova jikkalma s-sitwazzjoni bejn Francizi illi kienu qeghdin jikkustinjaw. F'hin minnhom induna li kien hemm xi pulizija hdejn corma nies zghira, u ghalhekk nizel biex jara x'kien hemm, u nduna li kien hemm Franciz bil-wieqfa, li niezel bil-mod ghal wara l-iscreen. Wara ftit kienet giet l-ambulanza ghalih.

Meta saqsa lil shabu tas-security x'kien gralu, kienu qalulu li kien waqa' u habat wiccu ma' l-bankina. Martin Fiteni isostni li f'ebda hin ma kien dahal fil-bar, u ebda wiehed minn shabu ma kienu sejhulu ghall-ghajnuna. Jinnega li huwa mess jew agredixxa lil dan il-Franciz, anzi jghid li f'ebda hin ma ra dan l-incident ghaliex huwa kien qieghed barra.

Anthony Zampa fl-istqarrija tieghu Dokument MSX3 a fol. 94 et sequitur jikkonferma li xogholu kien ta' security guard fil-Footloose Bar u li kien xoghol fil-lejl in kwistjoni. Illi ghall-habta tan-nofsiegha ta' filghodu inqala' xi argument f'wiehed mill-bars, u li l-kollega tieghu John Fiteni kien mar ha jara x'gara.

Anthony Zampa jghid li ra lil John Fiteni jitkellem ma' klijent, u huwa avvicinahom. Anthony Zampa induna li dan kien Franciz, u rah jaghti daqqa ta' ras f'wicc John Fiteni. Zampa stqarr illi dan il-Franciz kien jidher xurban u kien ser jerga' jagixxi kontra Fiteni, ipprova jzommu izda dan tant kien fis-sakra li ntelaq u waqa' ma' l-art. Hadd minn shab il-Franciz ma kien offra xi ghajnuna, u ghaldaqstant huwa kien refa' lill-Franciz minn taht dirghajh u waqqfu fuq saqajh u prova imexxieh 'il barra mill-hanut. Joseph Fiteni mexa 'il quddiem fid-direzzjoni lejn il-bieb ta' barra, il-Franciz segwih u Zampa mexa warajh. Meta waslu lejn il-bieb ta' barra, cioe' Door 1, dan il-Franciz tgerbeb it-tliet targiet u habat wiccu. Zampa prova jqajmu u fil-pront "resaq kollega lejna bl-isem ta' Frank" u bejniethom irnexxielhom iressquh 'il barra.

Zampa stqarr illi ried johorgu barra ghal tliet ragunijiet – wahda ghax kien qed jingombra l-entratura, kellu bzonn ftit arja, u riedu jippruva jaghtuh il-first aid. Dak il-hin beda hiereg hafna demm minn wiccu, u ghamlu kollox biex jghinuh, sahansitra cemplu ghall-ambulanza. Giet l-ambulanza u hu mar f'postu, fejn Door 2.

Mistoqsi kienux mieghu Frankie u Martin, Zampa jghid illi huwa lil Frankie biss ra, apparti John. Zampa jinnega bil-qawwa li hu jew xi hadd minn shabu tas-security waddbu lil dan il-Franciz mal-art u bdew jaghtuh bis-sieq. Zampa jikkonferma li qabel dan l-incident kien hemm tfajla li qatghet saqajha bi hgiega ta' tazza mkissra. Din it-tfajla, ghalkemm tifrekwenta l-Footloose Bar ma kienx jaf x'jisimha. Ikkonferma wkoll li huwa kien liebes l-iswed u gakketta sewda b'sinjal security.

A fol. 97, dokument MSX4, l-istqarrija ta' Frankie Calleja, dan l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda li saritlu.

A fol. 111 PS 1492 Joseph Pace xehed illi kien gie nformat minn Dr Stephen Muscat mill-Casualty Department li kien iddahhal persuna ta' nazzjonalita' Franciza u cioe' Theophile Hoata fl-isptar, u li kien f'periklu ta' l-mewt. Is-surgent Pace acceda ghall-isptar

flimkien ma’ PC 1575 u li sab xi bahrin ohrajn li kienu akkumpanjaw lil Hoata lejn l-isptar.

Dawn irrakontawlu kif xi persuni tas-security mill-Footloose bar kienu aggredew lil Hoata bis-sieq, u ghaldaqstant is-surgent Pace nforma lis-superjuri tieghu. Aktar tard fl-ghassa ta’ San Giljan huwa kellem lis-security, u cioe’ lill-imputati, illi tawh il-verzjoni taghhom, fis-sens li Hoata kien fis-sakra u kull ma ghamlu kien li akkumpanjawh ‘il barra mill-Footloose. Illi f’hin minnhom dan il-Franciz kien waqa’ u habat wiccu ma’ l-art.

Is-surgent Pace esebixxa l-okkorrenza tieghu li tinsab a fol. 114 esebita bhala Dokument JC.

PC 1575 Robert Fava, a fol. 118 et sequitur jikkonferma x-xhieda tas-Surgent Pace, u zied jghid illi wiehed minn shab Hoata qal illi kien ra lill-membri tas-security jimbuttaw lil Hoata ‘il barra mil-bar, jitfghuh ma’ l-art u jaghtuh bis-sieq meta kienu barra mill-bar.

Dr Mario Scerri esebixxa r-relazzjoni tieghu, esebita bhala Dokument MS a fol. 125 et sequitur. F’din ir-relazzjoni Dr Mario Scerri elenka l-griehi li garrab Hoata, cioe’ frattura tan-nasal bone, li kienet kompatibbli ma’ blunt trauma, lacerazzjoni fuq is-supra orbital ridge tax-xellug, kompatibbli ma’ blunt trauma, diversi tbengil fuq l-imieher u d-dahar li kienu kompatibbli ma’ blunt injury, u xi abbrasions li kienu kompatibbli ma’ htif. L-lacerazzjonijiet sitwati fuq is-supra orbital ridge tax-xellug, kienu ser jhallu marka permanenti u vizibbli fuq il-wicc, u li l-frattura tan-nasal bone giet konstata bhal griehi ta’ natura gravi per durata.

PS 659 Jeffrey Hughes u PS 602 Attard ipprezentaw faxxikolu ritratti, Dokument JH1 sa 60.

Dr Veronica Aquilina a fol. 165 et sequitur esebiet u halfet ir-relazzjoni taghha.

Dr Stephen Muscat ikkonferma li huwa kien ra lil Theophile Hoata li ddahhal fl-isptar fl-Emergenza fis-

saghtejn neqsin kwart ta’ filghodu ta’ l-20 ta’ April, 2002, u kien meqjus li seta’ kien fil-periklu li jitlef il-hajja. Minn aktar indagini pero’ gie stabbilit illi Hoata kellu tliet iqsim zghar fir-ras, kellu ksur ta’ l-ghadma tal-imnieher u sussegwentement gie operat fuq imniehru.

Dr Stephen Muscat xehed li l-ammont ta’ alkohol fid-demm ta’ Hoata kien 284mgs, u l-legal limit kien 35mgs. Dr Stephen Muscat xehed illi l-griehi ta’ Hoata ma kienux kompatibbli ma’ waqgha. Dana ghaliex “ma tistax taqa’ u jkollok tliet feriti diversi”. Mistoqsi jekk hix kompatibbli ma’ waqa’ fuq targa, Dr Stephen Muscat xehed is-segwenti:

“Kollox possibli. Li qed nghid biss huwa li meta ghandek erba’ feriti differenti fuq ir-ras huwa difficli biex, wahda minnhom nifhimha, li tigi fuqha, imma sakemm dan ma jqumx, jerga’ jaqa’ u jerga’ jqum u jerga’ jaqa’ u jolqot kollha l-istess postijiet”, ara fol. 153.

Dr Muscat ikkonferma illi shab Hoata li gabuh l-isptar huma nurses, u qalulu illi Hoata kien qala’ diversi daqqiet ta’ sieq. A fol. 155A, Dr Stephen Muscat xehed is-segwenti:

“Anke klinikament, jiena qed nghidlek jekk bniedem b’dak l-ammont ta’ alkohol ikollu head injury illi jkollok deviated bones fl-imnieher, jigifieri daqqa kbira, u jkollok dak l-ammont ta’ alkohol, unlikely li ser iqum biex jerga’ jaqa’ u jerga’ jaqsam wiccu”.

Mitlub jghid jekk kemm –il darba l-abbrasions li sofra Hoata kienux kompatibbli ma’ waqa’ fuq hgieg ma’ l-art, Dr Stephen Muscat jghid “kieku jkollok brix biss imma, ma jkollokx il-gundalla taghha”. A fol. 157 ikompli jixhed Dr Muscat, “Jiena personalment nahseb li huma kompatibbli ma’ daqqiet”.

Dr Muscat xehed a fol. 159/160 illi l-contusions fuq imniehru setghu gew b’impatt wiehed, “imma difficli li gara dan”.

Il-Perit Richard Aquilina esebixxa u halef r-relazzjoni tieghu, dokument RA a fol. 191.

Robert Cardona a fol. 194 ma rraporta ebda rizultanzi konklussivi minn testijiet li ghamel huwa fuq is-samples ta' demm li gie moghti mis-Scene of Crime officers.

PC 1349 Emanuel Tabone a fol. 198 ikkonferma l-istatements MSX1 sa 4.

Teddy Calleja a fol. 254, direttur tal-kumpanija Footloose Catering Limited u Ideal Investements Limited xehed illi huwa jiggestixxi l-Footloose bar f'Paceville. Xehed illi huwa kien hemm dakinhar ta' l-incident u li jiftakar kien li kien hemm bahri Franciz illi beda jipprovoka lil hafna nies u li anke kien agressiv mas-security.

Xehed illi dak il-lejl in-nies tas-security kienu hadmu "bl-aktar mod professjonali u bl-aktar mod kalm". Teddy Calleja xehed illi f'dak il-lejl dak il-bahri Franciz kien qieghed jagixxi b'mod agressiv immens, sahansitra anke ried iwaddab flixkun ghal fuq wahda tfajla, u li dan l-agir rah b'ghajnejh stess.

Teddy Calleja xehed illi huwa ma kellux ghalfejn jiprotegi lin-nies tieghu; Li kollha kienu jafu li jekk ma jaghmlux xogholhom sew u professjonali kienu jitkeccew, kif fil-fatt uhud minnhom kienu tkeccew.

Teddy Calleja xehed illi l-imputati kienu hadmu mieghu ghal snin shah, li ghandhom educational background tajjeb, u li huwa jqishom bhala doormen u mhux security. Jikkonferma li dawn ikunu lebsin il-ggieget bil-kliem security. Teddy Calleja xehed illi dawn il-bahrin Francizi ma kellhom hadd biex jissorveljahom u ma kien hemm ebda superior officer prezenti, bhal ma jkollhom il-bahrin Amerikani.

Teddy Calleja kkonferma wkoll illi wiehed mis-security lanqas biss kien qieghed fuq il-post dakinhar, u kien qieghed fuq naha ohra tal-Footloose, u xorta wahda gie arrestat. Teddy Calleja xehed illi f'kaz illi jinqala' t-trouble

fil-Footloose, is-security ghandhom speci ta' 'password', u jibghatu messaggi fuq il-mike u fuq ir-radios biex jallertjaw lis-securities l-ohra.

F'kazijiet simili l-bouncers ghandhom struzzjonijiet li sempliciment ikellmu lill-klijent u jghidulu biex johrog 'il barra halli jkellmuh, u jeskortawh sa barra. Calleja jirriafferma li l-imputati kienu ilhom jahdmu mieghu ghal erba' jew hames snin, u li jikkonsidrahom bhala haddiema tal-affari taghhom: "l-akbar kwalita' li jista' jkollok hija jekk ikollok bniedem haddiem tajjeb, tuza l-kwalitajiet li ghandu", (ara page 266).

Spettur Jeffrey Cilia a fol. 273 jikkonferma x-xhieda ta' l-Ispettur Sammut. Ikkonferma li saret Inkjesta u li sar access, fejn kien acceda anke l-perit Aquilina u s-scene of crime officers, u d-diversi nies li kienu jkellmu l-pulizija biex jghinuhom fl-indagini taghhom.

Spettur Cilia esebixxa l-ircevuta taz-zewg fliexken Vodka, liema ricevuta kienet giet mghoddija mill-bar attendant James Baldacchino, (ara dokumenti JC1 u JC2). James Baldacchino pero' kien informa lill-ispettur Cilia li ma kien ra xejn mill-incident.

Spettur Jeffrey Cilia kkonferma wkoll il-verzjonijiet li tawh l-imputati fl-istqarrija taghhom, u jikkonferma t-tehid ta' l-istqarriji MSX1 sa 4. Mistoqsi jekk kemm –il darba nnotax dmija fuq idejn l-imputati jew fuq l-ilbies taghhom, l-ispettur Cilia jichad li ra xi tip ta' dmija fuq il-persuni jew il-hwejjeg ta' l-imputati. Jirrileva wkoll li l-pulizija ma kienux elevaw iz-zraben ta' l-imputati.

James Baldacchino a fol. 292 xehed illi huwa kien barman fil-Footloose Bar fid-data ta' l-incident. Illi kienu dahlu zewg Francizi li kienu xtraw zewg bottles tal-Vodka Smirnoff. James Baldacchino kkonferma l-ircevuti JC1 u JC2. James Baldacchino jikkonferma li wiehed mill-Francizi kien waqa' ma' l-art "after he fell down the floor, I just continued working. It was busy, and I was on my own in the bar, and that's it basically". Mitlub jghid jekk kienx hemm xi kommozzjoni quddiem il-bar tieghu, Baldacchino

jghid “infront of my bar no, it was too busy, there were too many people. If there was any trouble, I would see it”.

Imma a fol. 298 jghid is-segwenti: “No it was too busy, I was alone as well, I mean at the other bars there were more than one staff. I couldn’t have the chance to look at any commotion. I didn’t see anything. For me it was too busy”. Lanqas ma ra lil tas-security jeskortaw lill-Franciz ‘il barra.

A fol. 301 gie esebit dokument JCX, illi huwa l-istqarrija ta’ James Baldacchino.

Fit-tieni xhieda tieghu, James Baldacchino a fol. 304 et sequitur jibqa’ jsostni illi huwa kien wahdu fil-bar, illi kellhom wisq x’jaghmlu, u li l-bar qieghed livell man-nies u li ma kien hemm ebda kommossjoni, u ghaldaqshekk huwa ma ra xejn. Jissokta jghid li kellu d-dwal f’ghajnejh u li ‘it was peak hour’ u li l-post kien veru ppakjat bin-nies.

Illi l-imputati ghazlu ma jixhdux.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt qabel din il-Qorti ser tidhol fil-mertu dwar il-kwalita’ ta’ provi li ngabu mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta’ l-imputati, tibda biex tghid li ma jirrizulta ebda prova li b’xi mod tista’ tallaccja lil Martin Fiteni ma’ l-akkuzi kif dedotti. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet, inkluz il-mod vociferu li biha cahad l-akkuzi l-istess Martin Fiteni a tempo vergine fl-istqarrija tieghu, fejn isostni li huwa lanqas kien vicin tal-post fejn sar l-incident, izda kien f’parti ohra tal-Footloose Bar.

Illi l-posizzjoni tieghu barra mill-bar giet konfermat minn Teddy Calleja, direttur tal-Footloose, u minn Anthony Micallef, assistant Manager tal-istess. Hemm ukoll l-istqarrija tal-ko-imputati li pero’ ma jikkonstitwixxu ebda prova favur jew kontra l-ko-akkuzat.

Illi in rigward ta’ l-imputati l-ohra, il-kaz tal-Prosekuzzjoni jinbena kwazi b’mod totali fuq ix-xhieda li taw it-tliet

nurses Francizi li inzertaw kienu fil-Footloose Bar u raw lil Hoata qieghed jixrob.

Ix-xhieda ta' Michel Franck, ta' Romby Domenique u ta' Edouard Lacanau, kemm ghal dak illi jirrispjekkja x-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti kif ukoll ghax-xhieda li nghatat quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Dr Veronica Aquilina, hija xhieda cara u konsistenti, u tikkollabora s-sewkenza ta' fatti kif graw fir-realta'.

Dawn it-tliet nurses Francizi taw xhieda dettaljata ta' kif raw lil Theophile Hoata fis-sakra, kif kien qed idejjaq lil persuna Maltija, kif gie msejjah wiehed mis-security officers tal-Footloose, u l-manjiera agressiva li biha Hoata irreagixxa meta ta daqqa ta' ras lil John Fiteni. Wara dan gew il-membri tas-security l-ohra, qabdu lil Hoata, u huma u hergin 'il barra bih, jew waddbuh jew waqa' ma' l-art, u minn hemmhekk bdew ituh bis-sieq, almenu zewg membri tas-security.

Illi t-tliet nurses kollha xehdu li l-vittma ttiehed 'il barra mill-istess security u gie mehud l-isptar. Ebda wiehed mit-tliet nurses Francizi ma kien f'posizzjoni li jaghraf ebda wiehed mill-imputati bhala l-bouncers li agredixxu lill-bahri Franciz.

Illi inoltre Hoata nnifsu tant kien f'sakra ma jarax art fil-hin li sehh dan l-incident, illi lanqas biss ftakar kif sehhew il-griehi li garrab, ahseb u ara kemm gharaf min ghamilhomlu.

It-tezi ta' l-Prosekuzzjoni hija msahha bix-xhieda ta' Dr Mario Scerri, li jghid illi l-griehi li sofra Hoata kienu kompatibbli ma' swat, b'mod specjali x-xhieda ta' Dr Stephen Muscat, illi sostna illi kien improbabbli li l-griehi ta' Hoata graw b'rizultat ta' waqghat, minhabba l-posizzjoni u n-numru ta' lacerazzjonijiet fil-wicc ta' l-istess Hoata, u tat-tbengil illi sofra.

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, specjalment mir-ritratti esebiti fil-faxxikolu JH1 sa 60, jirrizulta b'mod

ampju illi kien hemm qtar ta’ demm fuq il-parti ta’ gewwa tal-bar.

Illi d-difiza irriteniet li l-Prosekuzzjoni ma pruvatx il-kaz taghha skond il-Ligi, u cioe’ beyond reasonable doubt, u dan gie sostnut ghal diversi ragunijiet, fosthom li ebda wiehed mix-xhieda okulari, inkluzi t-tliet nurses u b’mod specjali l-vittma nnifsu, ma kienu f’posizzjoni li jgharfu ebda wiehed mill-imputati.

Illi kienu jezistu diskrepanzi fix-xhieda tat-tliet nurses Francizi, inkluz fuq in-numru ta’ security guards li kien hemm, jekk kienux tlieta, erbgha jew hamsa. Illi tnejn mis-security guards biss allegatement taw lil Hoata bis-sieq, u mix-xhieda ta’ Lacanau dan lanqas seta’ jghid jekk kemm –il darba Hoata waqghax jew kien gie mwaddab ma’ l-art.

Illi inoltre dawn it-tliet nurses lanqas setghu jaghtu deskrizzjoni tas-security illi agredixxa lil Hoata. Di piu kien hemm xhieda okulari ohra, fosthom Anthony Micallef u James Baldacchino li jsostnu li raw lil Hoata johrog wahdu mill-Footloose u jaqa’ u jigi wiccu ma’ l-art.

Id-Difiza tirritjeni li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova dwar min mill-imputati attwalmnt aggredixxa lil Hoata, u b’liema mod agredieh. Illi din il-prova setghet facilment tigi prodotta kieku l-Prosekuzzjoni gabret iz-zraben ta’ l-imputati u ghamlet analizi forensiku fuqhom.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-griehi li garrab Hoata ma gewx sempliciment minn mizavventura jew waqghat, imma gew ikkawzati minn swat. Dan johrog car mhux biss mix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri u x-xhieda ta’ Dr Stephen Muscat, izda johrog lampanti mix-xhieda tat-tliet nurses Francizi, li kienu xhieda okulari ta’ l-incident.

Madanakollu din il-Qorti hija rinfaccjata fic-cirkostanzi specjalissimi f’dan il-kaz fejn il-vittma ta’ dan l-allegat incident tant kien fis-sakra (meta wiehed jghid fis-sakra hawnhekk irid jigi precizat illi kien kwazi ghaxar darbiet al

di la mill-limitu legali ta' xorb alkoholiku), illi dan mhux biss ma ftakarx min kien jew kienu l-agressuri tieghu, lanqas ftakar illi fil-fatt kien wegga', u di piu ma ftakarx kif fil-fatt kien wasal sa l-isptar.

Illi din il-Qorti kienet ghamlet ezami intensiv fuq dan Hoata ghaliex riedet tkun perswasa li Hoata ma kienx qieghed jigi imbezza' minn xi hadd u ma kienx taht xi ordnijiet superjuri sabiex ifittex jehles il-vapur minn aktar dewmien f'Malta.

Illi din il-Qorti kienet ukoll imxekkla mill-fatt li ma setghu jsiru ebda ezaminazzjonijiet forensici fuq iz-zraben ta' l-imputati biex b'hekk din il-Qorti kien ikollha prova konklussiva ta' min fil-fatt ippartecipa fis-shih f'dan l-incident. Dawn l-ezaminazzjonijiet ulterjuri ma setghux jsiru minhabba li kien hemm "cross contamination" tad-demm tal-vittma, mad-demm ta' tfajla li kienet wegghet fil-bar ftit qabel sehh dan l-incident.

Illi din il-Qorti temmen li l-provi huma cari sa certu punt: illi kien hemm tnejn mis-security officers tal-Footloose illi sawtu u taw bis-sieq lil Hoata. Dawn it-tnejn jistghu ikunu Zampa, John Fiteni jew Frank Calleja. Din il-Qorti pero' ma tistax tindividwalizza u m'hemm ebda prova biex jigu individwalizzati liema zewg imputati jahtu ghal dan is-swat.

Illi in vista ta' dan il-Qorti tara li m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------